RADJU MARIJA
102.3FM/107.8FM

*Programmi - Sajf 2023*



# *Inkunu* Familja

Pubblikazzjoni Assoċjazzjoni
Radju Marija (Malta)
Nru 104 - VO/1584
Lulju - Settembru 2023

Skeda Ġdida Paġna 6-7

# INKUNU FAMILJA



"Il-familja mhix parti mill-problema. Il-familja hija parti mis-soluzzjoni." Din il-kelma qalha l-Papa waqt il-laqgħa tal-iStati ġenerali, li qed jitkellmu fuq il-problema tat-tnissil tal-ulied. Il-Papa kompla li ħafna ma jagħżlux li jkollhom tfal għax spiċċat it-tama, filwaqt li iktar isir kliem fuq drittijiet tal-individwu milli fuq drittijiet tal-familja.
Iżda l-individwu fil-familja jsib lilu nnifsu u jekk ma rridux li s-soċjeta' teqred lilha nnifisha, il-familja biss hija r-risposta.
Ħbieb, Radju Marija qed jipprova jagħmel ħiltu biex isemmi l-familja, u jipproponi l-familja għax hi biss l-iktar li tista' tħares il-ħajja u hi biss tista' toffri l-imħabba, għax dawn kollha jmorru flimkien.
Aħna, bħala stazzjon, nippruvaw ukoll inkunu familja għalikom, għax din biss hija r-risposta għas- solitudni kbira li tiġi mill-individwalizmu li jiekol lis-socjeta'.
O Familja Mqaddsa ta' Nazaret, ħares dan l-istazzjon ħalli jkun il-kenn ta' bosta f'ħajjithom u l-familja li tgħinhom jikbru fil-fidi u fuq kollox tkun dik id-dar li ddewwaqhom tikka żgħira mid-dar tal-Missier li aħna msejħin għaliha.

Ammen.

Fr Antoine Borg
*Direttur Radju Marija Malta*

# Il-Konsagrazzjoni lil San Ġużepp




Il-ktieb **Il-Konsagrazzjoni lil San Ġużepp**, jinsab fil-bookshop ta' Radju Marija. Ktieb meravilja. Taqsira tal-istudju sħiħ dwar San Ġużepp. Jinqara u jintlaħaq minn kulħadd. Fr.Donald Calloway, idur fuq it-tradizzjoni twila ta' devozzjoni lil San Ġużepp u jistedinna nikkonsagraw lilna nfusna lilu, qaddis xempju ta' safa' u ta' virtu'. Tista' żżur il-book shop ta' Radju Marija u tikseb dan il-ktieb għall-prezz ta' €20 jew €22 jekk jintbagħat bil-posta lokali, b'cheque pagabbli lil Radju Marija.

Tistgħu ssibu dan il-ktieb ukoll mingħand Preca Library, Triq San Ġorġ Preca, il-Marsa, mill-Catholic Book Centre Misraħ de Paul, Raħal Ġdid u mingħand Papel Stationer, Triq is-Salvatur, il-Qrendi. Il-ktieb, il-Konsagrazzjoni lil San Ġużepp, huwa rigal mhux biss mill-awtur innifsu, iżda mill-Mulej Alla sabiex jgħinna naqdfu fil-kriżi li għaddejjin minnha u sabiex jurina t-triq għall-ġenna.

## GĦANDEK INTENZJONI SPEĊJALI GĦAT-TALB?

***Iktibha fuq il-formola hawn taħt u ibgħatha lil Radju Marija fl-envelop mehmuż.***

L-intenzjonijiet tat-talb jitqiegħdu quddiem l-altar fil-Kappella ta' Radju Marija fejn noffru quddiesa kull ġimgħa għall-intenzjonijiet tas-semmiegħa.

## FORMOLA GĦAT-TALB

May 2023

# MARIATHON

## Joyful seekers of God



Din is-sena erġajna kellna l-esperjenza tal-MARIATHON 2023. Avveniment li tqassam fuq tlett ijiem: l-10, il-11 u t-12 ta' Mejju, fejn ilħaqna s-somma sabiħa ta' €50,901 għal Radio Mariam Yerevan ġewwa l-Armenja. Ix-xogħol u l-impenn ma waqfux, kemm min-naħa tal-istaff kif ukoll min-naħa tal-voluntiera u l-preżentaturi. Kienu tlett ijiem ta' suċċess kemm mil-lat ta' ħidma kif ukoll mil-lat ta' ġbir ta' fondi. GRAZZI KBIRA tmur għalikom kollha li kontu qegħdin issegwu bi ħġarkom, tagħmlulna kuraġġ bil-konkorrenza tagħkom kif ukoll bid-donazzjonijiet li ma waqfu xejn. Diversi voluntiera kienu mħabbtin ħafna jwieġbu t-telefonati tas-semmiegħa, kif ukoll ir-receptionists kienu ħerqanin jilqgħu n-nies li ġew personalment bid-donazzjonijiet tagħhom.

L-istudjo kien il-ħin kollu għaddej bi trasmissjonijiet live, bi Bridget Micallef, il-President tal-Bord u Fr Antoine Borg, id-Direttur tar-radju, jospitaw diversi mistednin matul it-tlett ijiem sħaħ. Il-Promotur Maria Lewis għamlet 'posts' kontinwi fuq il-Facebook Page tagħna 'Radju Marija Malta' sabiex tkunu tistgħu issegwu anki b'mod viżwali l-andament tal-ġurnata, filwaqt li l-Koordinatur tar-







# GRAZZI KBIRA










radju Marvin Mansueto kienet il-ħin kollu nżommna aġġornati bl-aħħar ċifri milħuqa u tara li l-andament tal-Mariathon miexi b'ritmu sabiħ flimkien. It-tim amministrattiv, editorjali u tekniku ma waqfu xejn b'ħidmiethom matul dawn it-tlett ijiem...dan kollu kien frott ta' organizzazzjoni u kooperazzjoni min-naħa ta' kulħadd. Ninsabu sodisfatti ħafna, u grati lejn Marija Santissima li kienet qed tħarisna u tassistina f'kull waqt.






RADJU MARIJA
102.3FM/107.8FM

# Skeda Programmi Sajf 2023
## *( Lulju - Settembru 2023)*

| ĦIN | TNEJN | TLIETA | ERBGĦA | ĦAMIS | ĠIMGĦA | SIBT | ĦADD |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 7.00am | Rużarju, Quddiesa u Anġelus | | | | | | 7.30: Jum il-Mulej |
| 8.05am | Kuntatt, Tifħir ta' Sbieħ il-Jum u Ħajja ta' Xhieda u ta' Fidi | | | | | | (8.15am) Tifħir ta' Sbieħ il-Jum |
| 9.00am | Lectio Divina / Milli Qrajt / ikompli Kuntatt | | | | | | (8.40am) Vanġelu Ħaj |
| 9.30am | | Għalik kollox | | | | | Il-Miraklu ta' Radju Marija (rpt) |
| 10.00am | ikompli Kuntatt | Mid-Direttur | ikompli Kuntatt | | | Int għamiltna għalik (Arkivji) | Quddiesa |
| 10.30am | | | | | | | |
| 11.00am | Confessio | Id-Dehriet ġewwa Fatima | Il-Knisja għajn ta' għerf (Arkivji) | Nibnu u ngħixu kultura tal-ħajja | L-Aħħar Qatra | Mid-Djarju tal-Papa (rpt) | Għannu lil ismu (rpt) |
| 12.00pm | Anġelus u Rużarju | | | | | | |
| 12.30pm | Rużarju tal-Erwieħ | Rużarju San Mikiel | Rużarju San Ġużepp | Rużarju tal-Erwieħ | Rużarju tad-Duluri | Rużarju San Mikiel | Rużarju San Mikiel |
| 1.00pm | Klassiċi u Sagri (rpt) | Mal-Melodija Maltija | Tifkiriet ta' Nostalġija | L-Armonija fl-għanja Nisranija | Għannu lil ismu | Magazine | Fik nitfarrġu u nfaħħruk |
| 2.00pm | Jien hu l-Ħobż tal-Ħajja | Qari - Il-Ġurnal tar-ruħ | Qari - Flaġelli ta' żmienna | Il-Miraklu ta' Radju Marija | (2.10pm) Qari - Dun Alfred Gatt | | Profili |
| 2.30pm | | Għat-tfal u għall-kbar | Id-dehriet tal-Madonna fl-istorja tal-Knisja | Tfal Missjunarji | | | Għat-tfal u għall-kbar (rpt) |
| 3.00pm | Kurunella tal-Ħniena Divina | | | | | | |
| 3.30pm | Omelija mill-Arċidjoċesi ta' Malta | | | | | Melħ tal-art, Dawl għad-dinja | Siesta |
| 4.00pm | Fl-iskola ta' San Piju | Intervisti ma' saċerdoti (Arkivji) | Ferħan li jien Nisrani (Arkivji) | Mid-Djarju tal-Papa | Kont marid u ġejtu żżuruni | Oikos (Arkivji) | |
| 5.00pm | Fil-klassi tad-Duttrina | Ejjew għandi..u jien inserraħkom | Għal ħajja aħjar | Iż-żerriegħa tal-mustarda | Bejatu Nazju Falzon - Ħajtu u ħidmietu (Arkivji) | Għandi lilek, għandi kollox | Solidarjetà ma' ħutna ppersegwitati |
| 5.30pm | Lectio Divina / Milli Qrajt (rpt) | | | | | | |
| 6.00pm | Anġelus u Rużarju | | | | | | |
| 6.30pm | Quddiesa | | | | | | Il-Qrar ifejjaq l-imrar |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 7.10pm | Għasar | | | | | | |
| 7.25pm | Aħbarijiet minn Radju Vatikan | | | | | Nies li għamlu differenza | Qari Skrittura |
| 7.40pm | In-Novena | | | | | | |
| 8.00pm | Solidarjetà ma' ħutna ppersegwitati (rpt) | Ejjew u taraw...Marru u raw | Ara Ommok | Mis-Swali tal-Kunċerti | Id-Dehriet ġewwa Fatima (rpt) | Vanġelu Ħaj | Magazine (rpt) |
| 9.00pm | Inbid Ġdid | Bejn ħsieb u armonija | Għajn ta' Ġid | Qari - L-imħabba tal-Għerf Etern | Vuċi Missjunarja | Klassiċi u Sagri | |
| 9.30pm | | | | Id-dehriet tal-Madonna fl-istorja tal-Knisja (rpt) | | | |
| 10.00pm | Ružarju, Ħajja ta' Xhieda u ta' Fidi, Eżami tal-ġurnata u Kompieta | | | | | | |
| 11.00pm | Int għamiltna għalik (rpt) | Confessio (rpt) | Il-Knisja għajn ta' għerf (rpt) | Fanal għal riġlejja (Paniġierċi mill-Arkivji) rpt | Mid-Direttur (rpt) | Nibnu u ngħixu kultura tal-Ħajja (rpt) | Jum il-Mulej (rpt) |
| 11.30pm | | | | | | | |
| | **TLIETA** | **ERBGĦA** | **ĦAMIS** | **ĠIMGĦA** | **SIBT** | **ĦADD** | **TNEJN** |
| 12.00am | Mis-Swali tal-Kunċerti (rpt) | Fik nitfarrġu u nfaħħruk (rpt) | Jien hu l-ħobż tal-Ħajja (rpt) | Mal-Melodija Maltija (rpt) | Għannu lil ismu (rpt) | L-Armonija fl-għanja Nisranija (rpt) | Tifkiriet ta' Nostalġija (rpt) |
| 1.00am | Bejatu Nazju Falzon - Ħajtu u ħidmietu (rpt) | Qari Skrittura (rpt) | Fil-klassi tad-duttrina (rpt) | Profili (rpt) | Għal ħajja aħjar (Taħdita minn Kuntatt) | Iż-żerriegħa tal-mustarda (rpt) | Qari - Il-Ġurnal tar-ruħ (rpt) |
| 1.30am | Ružarju San Mikiel u Novena | Ružarju San Ġużepp u Novena | Ružarju tal-Erwieħ u Novena | Ružarju tad-Duluri u Novena | Ružarju San Mikiel u Novena | Ružarju San Mikiel u Novena | Ružarju tal-Erwieħ u Novena |
| 2.00am | L-Aħħar Qatra (rpt) | Għandi lilek, għandi kollox (rpt) | Solidarjetà ma' ħutna ppersegwitati (rpt) | Intervisti ma' saċerdoti (rpt) | Il-Knisja għajn ta' Għerf (rpt) | Vuċi Missjunarja (rpt) | Nibnu u ngħixu Kultura tal-Ħajja (rpt) |
| 3.00am | Kurunella tal-Ħniena Divina | | | | | | |
| 3.30am | Qari - Dun Alfred Gatt (rpt) | Melħ tal-art, Dawl għad-dinja (rpt) | Il-Qrar ifejjaq l-imrar (rpt) | Qari - Flaġelli ta' żmienna (rpt) | Għalik kollox (rpt) | Ejjew għandi.. U jien inserraħkom (rpt) | Il-Miraklu ta' Radju Marija (rpt) |
| 4.00am | Ružarju | | | | | | |
| 4.30am | Magazine (rpt) | Kont marid u ġejtu żżuruni (rpt) | Fl-iskola ta' S.Piju ta' Pietralcina (rpt) | Oikos (rpt) | Ferħan li jien nisrani (rpt) | Ejjew u taraw...Marru u raw (rpt) | Vuċi Missjunarja (rpt) |
| 5.30am | | Fanal għal riġlejja (Paniġierċi mill-Arkivji) | Inbid Ġdid (rpt) | Għajn ta' Ġid (rpt) | Bejn ħsieb u armonija (rpt) | Qari - L-imħabba tal-Għerf Etern (rpt) | Ara Ommok (rpt) |
| 6.00am | | | | | | Il-Katekizmu tal-Knisja Kattolika | |
| 6.30am | Ružarju San Mikiel | Ružarju San Ġużepp | Ružarju tal-Erwieħ | Ružarju tad-Duluri | Ružarju San Mikiel | Ružarju San Mikiel | Ružarju tal-Erwieħ |

**Radju Marija jirriserva d-dritt li jbiddel xi programmi minn din l-iskeda fiż-żmien li tkun qiegħda tixxandar minħabba ċirkustanzi li ma jkollux kontroll fuqhom.

# Programmi Ġodda fl-iskeda tas-Sajf 2023

## Siesta

*Preżentazzjoni ta' Andrew Baldacchino*

Siesta ma tfissirx biss nagħsa ħelwa ta' waranofsinhar l-aktar fil-ġranet sħan tas-sajf. Tfisser ukoll mument fejn tieqaf u tistrieħ mill-ġirja sfrenata tal-ħajja. U ma hemmx post aħjar li tagħmel dan jekk mhux fi ħdan il-familja ferrieħa ta' Radju Marija.

*(jixxandar kull nhar ta' Ħadd fit-3.30pm)*



## Id-Dehriet Ġewwa Fatima

*Preżentazzjoni ta' Dun Mikiel Borg*

F'din is-sensiela Dun Mikiel jistedinkom biex tisimgħu r-rakkonti fid-dettal u l-messaġġi tad-dehriet tal-Verġni Marija ġewwa Fatima l-Portugall.



*(jixxandar kull nhar ta' Tlieta fil-11.00am b'repetizzjoni nhar ta' Ġimgħa fit-8.00pm)*

## Melħ tal-art! Dawl għad-Dinja

*Preżentazzjoni ta' Andrew u Kathleen Baldacchino*

Programm - stedina biex nieqfu ftit u nirriflettu dwar din id-dikjarazzjoni ta' fiduċja sħiħa li l-Imgħallem Tagħna Ġesù għandu fil-potenzjal ta' kull wieħed u waħda minna biex nibnu dinja aħjar! Aħna l-melħ tal-art! Aħna d-dawl tad-dinja!

*(jixxandar kull nhar ta' Sibt fit-3.30pm b'repetizzjoni kull nhar t'Erbgħa fis-2.00am)*





## Il-Ġurnal tar-Ruħ

**Kitba: Papa San Ġwanni XXIII**

*Qari: Jacqueline Pace*

"Ir-Ruħ tiegħi hija f'dawn il-paġni, aktar minn f'xi kitba oħra tiegħi". Hekk iddeskriva d-djarju tiegħu l-qaddis Papa Ġwanni XXIII innifsu. Din is-sensiela tiġbor l-ispiritwalità li turi li wara dik it-tbissima u t-tjubija hemm raġel li jżomm dan is-sigriet: TALB u AZZJONI QADDISA minn meta kellu 14-il sena sal-1963 ftit xhur qabel mewtu; kważi 70 sena ta' kif wieġeb għas-sejħa l-Papa t-Twajjeb.

*(jixxandar kull nhar ta' Tlieta fis-2.00pm b'repetizzjoni kull nhar ta' Tnejn fis-1.00am)*



## Iż-Żerriegħa tal-Mustarda

*Preżentazzjoni ta' Joe Fenech*

Ġesù xebbaħ is-Saltna tas-Smewwiet, fost l-oħrajn, ma' żerriegħa ċkejkna tal-mustarda. Alla jaf u kapaċi b'bidu ċkejken inissel u jkabbar proġett kbir fil-qalb tal-bniedem. F'din is-sensiela li ġġib dan l-isem, nittama li dik il-kelma ċkejkna li inti tisma' tkun għalik dik iż-żerriegħa ċkejkna tal-mustarda. L-Ispirtu ta' Alla jaf jagħmel minnha xi ħaġa kbira u sabiħa. Hekk nittama u nitlob.

*(jixxandar kull nhar ta' Ħamis fil-5.00pm b'repetizzjoni kull nhar ta' Ħadd fis-1.00am)*



## Ejjew u Araw

*Preżentazzjoni ta' Patri Victor Degabriele SJ*

Fis-sensiela tal-programm "L-imgħallem Hawn Qiegħed Isejjaħlek" ikkontemplajna kif il-Mulej Hu tassew preżenti għalina u jrid ikellimna; jistaqsina issa sabiex inkunu Miegħu fil-ħidma llum. Ħa nkunu ġenerużi u nassigurawh mill-koperazzjoni tagħna.

*(jixxandar kull nhar ta' Tlieta fit-8.00pm)*

*Dun Alfred Gatt*

## Seħer li kaxkar u entużjażma l-ġmiegħi

*Kitba - Patri Alexander Bonnici*
*Qari: Carmen Azzopardi*

B'reqqa u b'dedikazzjoni sħiħa, Patri Alexander Bonnici fittex, qalleb u staqsa kemm felaħ biex jagħtina tagħrif eżatt tal-ħajja, il-ħidma u l-qdusija ta' Dun Alfred Gatt li bir-raġun jiddefinih bħala "Appostlu tas-Sagrament tal-Qrar'.

*(jixxandar kull nhar ta' Ġimgħa fis-2.10pm b'repetizzjoni nhar ta' Tlieta fit-3.30am)*





Clip Pens - €1.20



Gomom - €1.50



Mugs - €8.50



Notebooks Hardcover - €4.90



# RADJU MARIJA *Collection*

Mill-ħanut ta' Radju Marija

**40, Triq San Vinċenz Ferreri, Rabat**

***GRAZZI TAS-SAPPORT TAGĦKOM!***

Document Zip Cases - €5



Highlighters 3 kuluri - €3



Nuċċalijiet tax-xemx - €4




Pencil cases - €3.50




Key/Money Wallets - €1.90

***Il-Bank Ċentrali ta' Malta ħareġ Direttiva ġdida fejn mill-1 ta' Jannar 2022, ma jistgħux jinħarġu jew jissarrfu ċekkijiet ta' €20 jew inqas***

***Għalhekk ċekkijiet ta' €20 jew inqas li jinħarġu f'isem Radju Marija MA JISTGĦUX jissarrfu u jkollhom jiġu KANĊELLATI.***

Infakkru li tistgħu tgħinu lil Radju Marija b'dawn il-mezzi:

Tista' żżurna f'Radju Marija bejn it-9:00am u l-5:00pm u tħalli d-donazzjoni tiegħek fir-reception f'numru 40, Triq San Vinċenz Ferreri, Rabat.

**Tista' wkoll iċċempel minn linja fissa fuq:**
**5160 2046** għal donazzjoni ta' **€10**
**5170 2019** għal donazzjoni ta' **€15**
**5180 2047** għal donazzjoni ta' **€25**
**5190 2091** għal donazzjoni ta' **€50**

**Jew tibgħat SMS fuq:**
**5061 8063** għal donazzjoni ta' **€4.66**
**5061 9278** għal donazzjoni ta' **€11.65**

**Tista' tiddepożita donazzjoni fil-kontijiet li Radju Marija għandu f'dawn il-banek:**

- **APS BANK**
  **IBAN:** MT31 APSB 7705 7006 0638 2000 0834 148
  **A/C ACCOUNT NO:** 20000834 14-8

- **BANK OF VALLETTA**
  **IBAN:** MT09VALL2201 30000000 14609142012
  **A/C ACCOUNT NO:** 14609142012

- **HSBC**
  **IBAN:** MT05MMEB44587 000000058030875050
  **A/C ACCOUNT NO:** 058-030875-050

**Jekk tippreferi tista' tagħti donazzjoni billi tuża l-BOV Mobile to Mobile disponibbli fuq il-BOV app b'dan in-numru 7945 3107.**

***Infakkru li ċekkijiet ta' €20 jew inqas maħruġa f'isem Radju Marija MA JISTGĦUX JISSARRFU u jiġu KANĊELLATI.***

*Minn qalbna nirringrazzjawkom tal-appoġġ kontinwu tagħkom. Jalla l-Mulej u Ommna Marija jbierku lilkom u l-familji tagħkom għal mitt darba aktar.*

# Servizzi offruti minn Radju Marija

## Avviżi ta' mwiet u tifkiriet ta' anniversarji fuq Radju Marija

Dawn jixxandru mit-Tnejn sal-Ġimgħa; fit-8.00am, fil-11.55am u fl-3.55pm, nhar ta' Sibt fit-8.00am biss.

Għal aktar informazzjoni wieħed għandu jċempel fil-ħinijiet tal-uffiċċju fuq 21453105 u jistaqsi għal Moira Bugeja.

Importanti li l-avviżi jkunu ttajpjati u jiġu ppreżentati fir-reception ta' Radju Marija bejn: it-Tnejn u l-Ġimgħa mid-9.00am sal-5.00pm. Min jippreżenta l-avviż irid ukoll jippreżenta l-karta tal-identità tiegħu. Ma jistgħux jiġu aċċettati avviżi permezz tat-telefon jew b'sms.

## Avviżi komunitarji mxandra kuljum

Radju Marija jistieden lil dawk il-parroċċi u l-għaqdiet li jixtiequ jxandru l-attivitajiet tagħhom li jkunu se jorganizzaw fuq Radju Marija biex jibagħtuhom sa mhux aktar tard minn ġimgħa qabel ma tkun ser isseħħ l-attività.

Dawn għandhom jintbagħtu b'email fuq: info.mal@radiomaria.org

L-attivitajiet avżati għandhom ikunu ta' natura reliġjuża jew ta' formazzjoni Nisranija u ma jistgħux jinkludu attivitajiet ta' fundraising fosthom bazaars. Hija fid-diskrezzjoni tad-direzzjoni ta' Radju Marija meta u kemm-il darba jixxandar l-avviż.

RADJU MARIJA
102.3FM/107.8FM

**40, Triq San Vinċenz Ferreri, ir-Rabat**

**Indirizz Postali:** Radju Marija,<br>PO Box 19, Rabat RBT 1230
**Telefon uffiċċju:** 2145 3105
**Telefon live studio:** 2145 3106
**SMS studio:** 7979 1023
**Indirizz elettroniku:** info.mal@radiomaria.org
**Websajt:** www.radjumarija.org
**Facebook:** Radju Marija Malta



***VO/1584***